Kunsill Lokali - Ħad-Dingli – Local Council
Ċentru tal-Komunita'
Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli, DGL 1880.
Tel. No. 21456060
E-mail: dingli.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Had-Dingli

## DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 01/ K9/ 2021**

**Data tal-Laqgha: 05 ta' Jannar 2021**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli ltaqa' fil-Bini Amministrattiv fil-17.00 ta' waranofsinhar. Din il-laqgha ma ixxandritx live minhabba problemi teknika fis-sistema tal-cameras.

**PREŻENTI:**

Raymond Schembri  - Sindku
Sandro Azzopardi - Viċi Sindku
David Vassallo - Kunsillier
Paul Mamo - Kunsillier
Ryan Tanti - Kunsillier

Lexine Farrugia – Ambaxxattrici taz-Zghazagh

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Shawn Tanti – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**1.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji.**

1.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apologija.

**1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 27/K9/2020, 28/K9/2020;**

1.2.1 Is-Sindku Raymond Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 27/K9/2020 u 28/K9/2020. **(Dok.1, 2 ).**

1.2.2 Il-Kunsillier Paul Mamo ssekonda.

1.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

1.3.1 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li saret il-parti tal-bankina kif mitluba u approvata fi Triq tal-Hbula kif ukoll bankina ohra fi Triq Pawlu Ebejer.

1.3.2 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li sar qtugh ta' haxix fi Triq il-Buskett u dawra madwar il-ground.

1.3.3 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li saret manutenzjoni fuq il-Bins fi Triq il-Panoramika mill-haddiema tal-Kunsill.

1.3.4 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li trangat bollard maqlugha fejn it-Turretta,

1.3.5 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li nbidlet mera mkissra fi Triq il-Kbira.

**1.4**

**Twegibijiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

1.4.1 Il-Vici Sindku Sandro Azzopardi staqsa jistghux jergghu jitwahhlu z-zewg bollards/ reflectors tal-plastic fil-parti tat-Triq bejn Sqaq il-Muzew u Triq il-Mithna li dawn kienu tqacctu minn trakkijiet kbar u karozzi li jitilghu fuq il-bankina. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jghamel komunikat ma IM sabiex jigu nstallati bollards.

1.4.2 Il-Vici Sindku Sandro Azzopardi staqsa rigward ix-xoghol ta drenagg li qed isir fi Triq Panoramika. Il-Vici Sindku staqsa kif gej:

1. Meta l-ahhar li kellimna lil WSC li qed jiehdu hsieb tali xogholijiet fuq in-nuqqsijiet li hemm fosthom:
    1. nuqqas ta dwal mal-blokki li hemm fit-triq
    2. periklu fuq bankini mkissra fejn kienu tpoggew il-katusi u/jew blokki

3. sadd fit-triq ta xi spralli bil-konsegwenza li meta taghmel ix-xita qed tingemgha ghadira kbira tal-ilma fit-triq
2. ghandna xi timeframe meta xoghol ser ikun konkluz?
3. ghandna risposta bil-miktub li t-tkissir tal-bankina u pavimentar ser jitranga kollu kif kien qabel?

Is-Sindku wiegeb li kien intbaght email lil WSC rigward dawn il-Punti fejn konna ghadna qed nistennew risposta. Waqt il-laqgha s-Sindku propona sabiex naghmlu site meeting maghhom.

**1.5** 1.4.3 Il-Vici Sindku Sandro Azzopardi staqsa rigward plakka li twahhlet fi Gnien il-Haddiem. Is-Sindku spejga li hu ma kienx jaf li ser titwahhal il-plakka u talab lis-segretarju sabiex jibghat email lil-Partit Laburista jsaqsi rigward din il-plakka.

1.4.4 Il-Vici Sindku Sandro Azzopardi staqsa rigward tenders li ghadhom ma gewx aggudikati. Is-Sindku wiegeb sabiex jitlesta il-Kuntratt tal-Knis filwaqt li s-sejha tal-gonna kienet ser tinaghlaq. Rigward it-tenders l-ohra dawn ser ikunu qed jigu aggidikati wkoll wara tal-knis.

PA/05257/20 – Fabrika tal-Gelatina

1.5.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona li l-Kunsill jibqa jsegwi din l-applikazzjoni umbghad bhala Kunsill nitfghu l-oggezzjoni taghna.

1.5.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

1.5.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 1.6 Rapport ta’ Hidma mill-Kunsilliera

28.6.1 Kull Kunsillier huwa obbligat li jipprezenta rapport ta’ xoghol ta hidma fuq id-dekasteri tieghu, ghaldaqstant is-Sindku Raymond Schembri talab sabiex sa l-ahhar tax-xhar il-Kunsilliera jibghatu dan ir-rapport lis-Segretarju Ezekuttiv.

## 1.7 Mobile App – Visit Dingli

1.7.1 Peres li bhalissa l-app mhux accessibbli biex titnizzel, is-Sindku propona sabiex nitkellmu mal-kreatur tal-app u niehdu parir tal-esperti sabiex jassistu lis-segretarju sabiex din l-app tkun tista terga titgawda.

1.7.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

1.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 1.8 Progett tac-Centru tar-Rahal

1.8.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex nibdew id-diskussjonijiet u naraw x'possibiltajiet hemm sabiex Misrah Frenc Abela li hija l-ahhar parti mil-Progett tac-Centru tar-Rahal ssir ukoll.

1.8.2 Il-Kunsillier Paul Mamo ssekonda.

1.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 1.9 Progett Ritratti

1.9.1 Il-Kunsillier David Vassallo ressaq ghad-diskussjoni dan il-progett ta' ritratti li jkun jikkonsisti f'li nqabbdu fotografu professjonali sabiex jiehu ritratti matul is-sena f'hinijiet differenti u f'postijiet differenti bil-possibilita li nippubblikaw ktieb, ghaldaqstant is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex naghmlu dan il-progett.

1.9.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

1.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 1.10 Kullegg San Nikola Had-Dingli

1.10.1 Hekk kif ghal-sena ohra regghu waslu l-elezzjonijiet tal-Kunsill skolastiku tal-Kullegg San Nikola Had-Dingli u wara diskussjoni li s-Sindku kellu mal-Kunsillier responsabbli mill-edukazzjoni fejn wera x-xewqa li jkun innominat ghal-president tal- Kunsill Skolastiku ghaz-zmien li gej, is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex il-Kunsillier Ryan Tanti jigi nnominat sabiex jokkupa din il-kariga.

1.10.2 Il-Kunsillier Paul Mamo ssekonda.

1.10.3 Il-Kunsillier Ryan Tanti astjena

1.10.4 Il-Vici Sindku Sandro Azzopardi u l-Kunsillier David Vassallo qablu.

**1.11** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagmenti**

1.11.1Is-Sindku Raymond Schembri pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Dok. 3 sa Dok. 4)**

1.11.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

1.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.12** **Mozzjonijiet**

1.12.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**1.13** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

1.13.1. Il-laqgħa ntemmet fis-19.40 u ġiet aġġornata ghal-04 ta' Frar, 2021 fil-17.00.

1.19.2. Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

1.19.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

Konfermati, illum 04 Ta' Frar , 2021

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Raymond Schembri | Shawn Tanti |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |